2026/1550

3.7.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1550

tat-2 ta' Lulju 2026

li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għall-Kanada, għaċ-Ċilì u għall-Istati Uniti fil-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 230(1), l-Artikolu 232(1), il-punt (b), u l-Artikolu 232(3), il-punt (b), tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li l-konsenji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jew territorji jitħallew jidħlu fl-Unjoni biss jekk il-pajjiżi terzi jew it-territorji kkonċernati jiġu elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li l-konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali, li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi, territorji, jew żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura, iridu jikkonformaw magħhom biex jidħlu fl-Unjoni.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u l-kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Dawk il-listi u ċerti regoli ġenerali li jikkonċernaw dawk il-listi huma stabbiliti fl-Annessi I sa XXII ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(4) B'mod aktar partikolari, l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom, awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni, rispettivament, ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa.

(5) Fis-17 ta' Ġunju 2026, l-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar tifqigħa ġdida tal-HPAI fil-pollam fl-istat ta' Rhode Island, li kienet ġiet ikkonfermata fit-12 ta' Ġunju 2026 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(6) Wara dik it-tifqigħa reċenti tal-HPAI, l-awtorità veterinarja tal-Istati Uniti nnotifikat l-istabbiliment ta' żona ristretta ta' mill-anqas 10 km madwar l-istabbiliment affettwat u l-implimentazzjoni ta' politika ta' qerda biex tikkontrolla l-preżenza tal-HPAI u tillimita t-tixrid ta' dik il-marda.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/692/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/404/oj).

(7) L-Istati Uniti ppreżentaw aktar informazzjoni lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorju tagħhom u l-miżuri li ttieħdu biex jipprevjenu aktar tixrid tal-HPAI wara dik it-tifqigħa reċenti tal-HPAI.

(8) L-informazzjoni pprovduta mill-Istati Uniti ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fiż-żona bir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtorità veterinarja tal-Istati Uniti, jixraq li jiġi sospiż id-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa miż-żona kkonċernata mit-tifqigħa l-ġdida f'dak il-pajjiż terz, biex jitħares l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Unjoni, filwaqt li titqies id-data meta ġiet ikkonfermata t-tifqigħa. Għalhekk, jenħtieġ li l-entrati għall-Istati Uniti fit-tabelli stabbiliti fl-Anness V, il-Parti 1, it-Taqsima B, u l-Parti 2, u fit-tabella stabbilita fl-Anness XIV, il-Parti 1, it-Taqsima B, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġu emendati kif xieraq.

(9) Barra minn hekk, il-Kanada, iċ-Ċilì u l-Istati Uniti pprovdew informazzjoni aġġornata lill-Kummissjoni b'rabta mas-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji rispettivi tagħhom fir-rigward tat-tifqigħat preċedenti tal-HPAI li wasslu għas-sospensjoni tad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa, kif stabbilit fit-tabella fl-Anness V, il-Parti 1, it-Taqsima B, u fit-tabella fl-Anness XIV, il-Parti 1, it-Taqsima B, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(10) B'mod partikolari, fil-11 ta' Ġunju 2026, il-Kanada ppreżentat informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali u l-miżuri li kienet ħadet b'rabta ma' erba' tifqigħat tal-HPAI fil-pollam fil-provinċji ta' Alberta u Saskatchewan, li ġew ikkonfermati bejn it-30 ta' April 2026 u d-19 ta' Mejju 2026 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(11) Fil-25 ta' Ġunju 2026, iċ-Ċilì ppreżenta informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali u l-miżuri li kien ħa b'rabta ma' żewġ tifqigħat tal-HPAI fil-pollam fir-Reġjuni ta' Araucanía u Maule, li ġew ikkonfermati fid-29 ta' Marzu 2026 u fil-15 ta' April 2026 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(12) Fis-26 ta' Ġunju 2026, l-Istati Uniti ppreżentaw informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali u l-miżuri li kienu ħadu b'rabta ma' 13-il tifqigħa tal-HPAI fil-pollam fl-istati ta' Illinois, Indiana, Iowa, Kansas, Michigan, Montana, North Carolina u North Dakota, li ġew ikkonfermati bejn it-12 ta' Novembru 2025 u l-21 ta' April 2026 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(13) Il-Kanada, iċ-Ċilì u l-Istati Uniti informaw lill-Kummissjoni li, wara dawk it-tifqigħat preċedenti tal-HPAI, kienu implimentaw politika ta' qerda biex jikkontrollaw u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda, u kienu lestew ukoll it-tindif u d-diżinfezzjoni meħtieġa wara l-implimentazzjoni tal-politika ta' qerda fl-istabbilimenti tal-pollam infettati.

(14) Il-Kummissjoni evalwat l-informazzjoni ppreżentata mill-Kanada, miċ-Ċilì u mill-Istati Uniti f'dak ir-rigward u jidhrilha li taw garanziji xierqa li s-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali li kienet wasslet għas-sospensjoni tad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa miż-żoni affettwati, kif stabbilit fit-tabella fl-Anness V, il-Parti 1, it-Taqsima B, u fit-tabella fl-Anness XIV, il-Parti 1, it-Taqsima B, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, ma għadhiex toħloq theddida għas-saħħa tal-annimali jew għas-saħħa pubblika fl-Unjoni u li, għaldaqstant, jenħtieġ li jiġi awtorizzat mill-ġdid id-dħul fl-Unjoni ta' dawk il-konsenji miż-żoni affettwati tal-Kanada u taċ-Ċilì, li minnhom kien ġie sospiż id-dħul fl-Unjoni. Għalhekk, l-entrati għall-Kanada u għaċ-Ċilì f'dawk it-tabelli ta' dawk l-Annessi jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq.

(15) Filwaqt li jitqies li t-tifqigħat il-ġodda tal-HPAI fl-Istati Uniti, u biex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil bla bżonn fil-kummerċ mal-Kanada, maċ-Ċilì u mal-Istati Uniti, l-emendi li jridu jsiru fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 permezz ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru effettivi b'mod urġenti.

(16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Lulju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli għaż-żoni CA-2.334, CA-2.335 u CA-2.336 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**CA** Il-Kanada	CA-2.334	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		30.4.2026	27.6.2026
	CA-2.335		N, P1		11.5.2026	27.6.2026
	CA-2.336		N, P1		11.5.2026	24.6.2026"

(ii) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela għaż-żona CA-2.338 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**CA** Il-Kanada	CA-2.338	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		19.5.2026	28.6.2026"

(iii) fl-entrata għaċ-Ċilì, ir-ringieli għaż-żoni CL-2.13 u CL-2.14 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**CL** Iċ-Ċilì	CL-2.13	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		29.3.2026	9.5.2026
	CL-2.14		N, P1		15.4.2026	24.6.2026"

(iv) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1133 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1133	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		12.11.2025	26.6.2026"

(v) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1192 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1192	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		8.12.2025	13.6.2026"

(vi) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.1245 u US-2.1246 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1245	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		23.1.2026	28.6.2026
	US-2.1246		N, P1		23.1.2026	21.6.2026"

(vii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1251 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1251	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		29.1.2026	28.6.2026"

(viii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1253 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1253	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		30.1.2026	22.6.2026"

(ix) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1300 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1300	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		3.3.2026	13.6.2026"

(x) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1302 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1302	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		27.2.2026	14.6.2026"

(xi) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.1308 u US-2.1309 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1308	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		5.3.2026	19.6.2026
	US-2.1309		N, P1		6.3.2026	19.6.2026"

(xii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.1332 u US-2.1333 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1332	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		12.3.2026	21.6.2026
	US-2.1333		N, P1		13.3.2026	21.6.2026"

(xiii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1372 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1372	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		21.4.2026	11.6.2026"

(xiv) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela li ġejja għaż-żona US-2.1397 tiżdied wara r-ringiela għaż-żona US-2.1396:

“**US** L-Istati Uniti	US-2.1397	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		12.6.2026”	

(b) fil-Parti 2, fl-entrata għall-Istati Uniti, id-deskrizzjoni li ġejja taż-żona US-2.1397 tiżdied wara d-deskrizzjoni taż-żona US-2.1396:

“L-Istati Uniti	US-2.1397	State of Rhode Island Providence 01 Providence County: A circular zone of a 10 km radius starting with North point (GPS coordinates: 71.3944091°W 41.9108407°N)”

(2) fl-Anness XIV, fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(a) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringieli għaż-żoni CA-2.334, CA-2.335 u CA-2.336 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“**CA** Il-Kanada	CA-2.334	POU, RAT	N, P1		30.4.2026	27.6.2026
		GBM	P1		30.4.2026	27.6.2026
	CA-2.335	POU, RAT	N, P1		11.5.2026	27.6.2026
		GBM	P1		11.5.2026	27.6.2026
	CA-2.336	POU, RAT	N, P1		11.5.2026	24.6.2026
		GBM	P1		11.5.2026	24.6.2026”

(b) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela għaż-żona CA-2.338 hija sostitwita b’dan li ġej:

“**CA** Il-Kanada	CA-2.338	POU, RAT	N, P1		19.5.2026	28.6.2026
		GBM	P1		19.5.2026	28.6.2026”

(c) fl-entrata għaċ-Ċilì, ir-ringieli għaż-żoni CL-2.13 u CL-2.14 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“**CL** Iċ-Ċilì	CL-2.13	POU, RAT	N, P1		29.3.2026	9.5.2026
		GBM	P1		29.3.2026	9.5.2026
	CL-2.14	POU, RAT	N, P1		15.4.2026	24.6.2026
		GBM	P1		15.4.2026	24.6.2026”

(d) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1133 hija sostitwita b’dan li ġej:

“**US** L-Istati Uniti	US-2.1133	POU, RAT	N, P1		12.11.2025	26.6.2026
		GBM	P1		12.11.2025	26.6.2026”

(e) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1192 hija sostitwita b’dan li ġej:

“**US** L-Istati Uniti	US-2.1192	POU, RAT	N, P1		8.12.2025	13.6.2026
		GBM	P1		8.12.2025	13.6.2026”

(f) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.1245 u US-2.1246 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1245	POU, RAT	N, P1		23.1.2026	28.6.2026
		GBM	P1		23.1.2026	28.6.2026
	US-2.1246	POU, RAT	N, P1		23.1.2026	21.6.2026
		GBM	P1		23.1.2026	21.6.2026"

(g) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1251 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1251	POU, RAT	N, P1		29.1.2026	28.6.2026
		GBM	P1		29.1.2026	28.6.2026"

(h) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1253 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1253	POU, RAT	N, P1		30.1.2026	22.6.2026
		GBM	P1		30.1.2026	22.6.2026"

(i) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1300 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1300	POU, RAT	N, P1		3.3.2026	13.6.2026
		GBM	P1		3.3.2026	13.6.2026"

(j) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1302 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1302	POU, RAT	N, P1		27.2.2026	14.6.2026
		GBM	P1		27.2.2026	14.6.2026"

(k) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.1308 u US-2.1309 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1308	POU, RAT	N, P1		5.3.2026	19.6.2026
		GBM	P1		5.3.2026	19.6.2026
	US-2.1309	POU, RAT	N, P1		6.3.2026	19.6.2026
		GBM	P1		6.3.2026	19.6.2026"

(l) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.1332 u US-2.1333 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1332	POU, RAT	N, P1		12.3.2026	21.6.2026
		GBM	P1		12.3.2026	21.6.2026
	US-2.1333	POU, RAT	N, P1		13.3.2026	21.6.2026
		GBM	P1		13.3.2026	21.6.2026"

(m) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1372 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.3272	POU, RAT	N, P1		21.4.2026	11.6.2026
		GBM	P1		21.4.2026	11.6.2026"

(n) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela li ġejja għaż-żona US-2.1397 tiżdied wara r-ringiela għaż-żona US-2.1396:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1397	POU, RAT	N, P1		12.6.2026	
		GBM	P1		12.6.2026"	